

Brussell, 8 ta' Settembru 2026
(OR. en)

12882/26
ADD 2

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0247(NLE)

FRONT 163
MIGR 245
VISA 100

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	7 ta' Settembru 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 444 final - annex 2
Suġġett:	ANNESS tal-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat ta' Andorra dwar diversi aspetti fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 444 final - annex 2.

Mehmuż: COM(2026) 444 final - annex 2



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.9.2026
COM(2026) 444 final

ANNEX 2

ANNESS

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat ta' Andorra dwar
diversi aspetti fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri**

ANNESS 2

Dikjarazzjoni dwar l-Adeżjoni ta' Stati li japplikaw l-acquis ta' Schengen b'mod sħiħ skont id-dritt internazzjonali

Sabiex jiġu żgurati l-koerenza u l-funzjonament tajjeb taż-żona Schengen, jenħtieġ li jkun possibbli għad-Danimarka u kwalunkwe Stat li japplika l-acquis ta' Schengen b'mod sħiħ abbażi ta' ftehim li jipprevedi l-assoċjazzjoni tiegħu mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen ("il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni ta' Schengen"), li ma humiex soġġetti għal din id-Deċiżjoni, li jaderixxu mal-Ftehim.

Sabiex tiġi żgurata r-rappreżentanza effettiva tal-Istati Membri kollha li japplikaw l-acquis ta' Schengen b'mod sħiħ skont id-dritt tal-Unjoni kif ukoll l-Istati li japplikaw l-acquis ta' Schengen b'mod sħiħ skont id-dritt internazzjonali u li aderew mal-Ftehim ("Stati ta' Schengen"), jenħtieġ li jkun hemm djalogu u konsultazzjoni regolari bejn dawk l-Istati u l-Unjoni, inkluż permezz tal-iskambju ta' fehmiet fil-Kumitat Imħallat stabbilit skont il-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni ta' Schengen. Fil-qafas ta' dawn il-konsultazzjonijiet, l-Istati ta' Schengen jistgħu jagħmlu proposti biex jiżguraw li s-sitwazzjoni speċifika tagħhom u l-interessi tagħhom jiġu debitament ikkunsidrati.

L-Unjoni u l-Istati ta' Schengen għandhom ukoll jikkoordinaw mill-qrib bil-ħsieb li jiżguraw li l-pożizzjonijiet espressi mill-Unjoni fil-kuntest tal-eżerċitar tad-drittijiet skont il-Ftehim, inkluż fil-Kumitat Konġunt u fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar is-soluzzjoni tat-tilwim, iqisu kif xieraq il-fehmiet espressi mill-Istati ta' Schengen.

Fil-każ li Stat li jkun aderixxa ma' dan il-Ftehim ikun jixtieq jirtira mill-Ftehim, imbagħad mingħajr preġudizzju għall-Protokoll 22 jew il-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni ta' Schengen rilevanti, kif applikabbli, l-Unjoni u l-Istat li ħiereġ għandhom jaqblu dwar miżuri xierqa u proporzjonati li għandhom jiġu adottati b'mod konġunt bil-ħsieb li jiġu ppreservati l-koerenza u l-funzjonament tajjeb taż-żona Schengen.